32002D0957

10.12.2002 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ L 333/13

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tat-28 ta' Novembru 2002

## dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri dwar l-emenda għall-Annessi għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u New Zealand dwar miżuri sanitarji applikabbli għall-kummerċ ta' annimali ħajjin u prodotti ta' l-annimali

(2002/957/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ([1]),

Billi:

(1) Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u New Zealand dwar il-miżuri sanitarji applikabbli għall-kummerċ ta' annimali ħajjin u ta' prodotti ta' l-annimali ġie approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/132/KE ([2]).

(2) Minħabba d-differenzi fis-sistemi taċ-ċertifikazzjoni bejn iż-żewġ naħat, iż-żewġ partijiet ma nnotifikawx lil xulxin bit-tlestija tal-proċeduri rispettivi tagħhom għar-ratifikazzjoni tal-Ftehim, kif għalih hemm maħsub fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 18(1) tiegħu.

(3) Għalhekk, il-Ftehim ma daħalx fis-seħħ u sakemm dan isir, il-Ftehim huwa proviżorjament applikat kif maqbul bil-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri, mehmuż mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/131/KE tas-17 ta' Diċembru 1996 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri dwar l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u New Zealand dwar miżuri sanitarji applikabbli għall-kummerċ ta' annimali ħajjin u prodotti ta' l-annimali ([3]).

(4) Ċerti emendi għall-Annessi għall-Ftehim dwar iċ-ċertifikazzjoni u r-rikonoxximent ta' l-ekwivalenza ta' sistemi ta' ċertifikazzjoni għal ċerti prodotti huma meħtieġa qabel iż-żewġ naħat jistgħu jikkonkludu l-proċeduri rispettivi tagħhom u għandhom jinnotifikaw lil xulxin bit-tlestija tagħhom u qabel il-Ftehim jista' jidħol fis-seħħ.

(5) Iż-żewġ partijiet ikkonfermaw il-qbil tagħhom fil-prinċipju għall-forma ta' l-Iskambju ta' Ittri u d-determinazzjoni tal-miżuri sanitarji applikabbli għall-kummerċ f'annimali ħajjin u prodotti ta' l-annimali.

(6) Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri għandu jiġi approvat,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*L-Artikolu 1*

Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri dwar emendi għall-Annessi għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u New Zealand dwar miżuri sanitarji applikabbli għall-kummerċ ta' annimali ħajjin u ta' prodotti ta' l-annimali huwa b'dan il-mezz approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri, inklużi l-emendi għall-Annessi għall-Ftehim, huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*L-Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan il-mezz awtorizzat jinnomina l-persuna mogħtija is-setgħa tiffirma l-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri biex jorbot lill-Komunità.

---

([1]) Proposta tas-16 ta' Settembru 2002 (għadu ma ġiex ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali).
([2]) ĠU L 57, tas-26.2.1997, p. 4. Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 1999/837/KE (ĠU L 332, tat-23.12.1999, p. 1).
([3]) ĠU L 57, tas-26.2.1997, p. 1.

*L-Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni.

Magħmula fi Brussel, fit-28 ta' Novembru 2002.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. FISCHER BOEL